# L-Għajn tal-Foss

*minn VICTOR J. GALEA*

Da l-aħħar is-Sur Ġorġ Vella, l-Uffiċċjal inkarigat mir-restawr fuq is-Sur, tellagħni nara xi ħaġa minn dak li qed isir hemm fuq, u b'xorti tajba bdejna mill-foss. Kemm domt hemm isfel għajnejja ma stajtx naqlagħhom minn fuq il-Għajn tal-Foss għax kif rajtha bdejt nifhem l-importanza tagħha fl-istorja tas-Sur u x'sinjifikat kellha għajn bħal din fid-deċiżjoni biex nies, li kienu jfittxu post fejn joqogħdu għall-kenn mill-egħdewwa, bdew joqogħdu hemm fuq u jibqgħu jgħammru hemm matul is-sekli.



Xħin Ġorġ spjegali li l-Għajn fiha mina u li din il-mina tinfed ma' fuq permezz ta' spiera li l-bokka tagħha tiġi x'imkien quddiem l-isptar ta' San Ġużman u Damjan, l-ewwel li ġiet quddiem għajnejja kienet Għajn is-Sultan, il-għajn li matul mill-inqas sebat elef sena tat il-ħajja lill-belt ta' Ġeriko fl-Art Imqaddsa, l-eqdem belt bis-swar li hawn fid-dinja. Il-għajn kienet aktarx isservi ta' stazzjon għan-nies ta' Żmien Meżolitiku qabel ma beda Żmien il-Ħaġar meta mbagħad dan l-istazzjon inbidel f'belt. Din l-Għajn li ma taqta' qatt tinsab taħt it-Tarġa fejn jibda l-ħondoq tremend fejn jinsab il-Baħar il-Mejjet. Hi Ważi rari fid-deżert ta' dawk l-inħawi u kienet minn dejjem kalamita għall-bniedem. Għalhekk insibu li sa mill-bidu ta' Żmien il-Ħaġar (c 6000 q.k.) in-nies t'hemm bnew ħajt fis-sejjieħ madwar belthom. Il-poplu ta' din il-belt għadda mill-fażijiet kollha ta' Żmien il-Ħaġar, Żmien il-Bronż sa ma wasal Żmien il-Ħadid (c 1200 q.K.), Meta fi żmien Ġożwè terremot heżheż il-belt u ġarrafha kif naqraw fil-Bibbja. Il-Għajn baqgħet tarmi l-ilma għal dawk li ġew wara sal-lum.

Ftakart ukoll f'Għajn Sidti Marjam li hemm in-naħa t'isfel ta' l-eqdem parti tal-belt ta' Ġerusalemm li l-Lhud isejħulha l-Belt ta' David. Ġerusalemm titfaċċa bħala belt importanti għall-Eġizzjani għal ħabta ta' 4000 sena ilu. Xi 1400 q.K. kellha s-Sultan tagħha li kien jismu Għabdi Hiba kif jissemma fl-ittru ta' Tell el-Amarna. Fi żmien is-Sultan ta' Ġuda Ħeżekija (716-687 q.K.), żmien li fih l-Assirjani kienu qishom it-Torok f'Malta bejn l-1480 u l-1570, ġejjin u sejrin, daqqa jaħtfu hemm, daqqa jaħtfu hawn, din l-Għajn li kienet il-ħajja ta' Ġerusalemm saritilha mina biex l-ilma tagħha ddaħħal mis-swar il-ġewwa u beda jinġema' fil-menqgħa ta' Silwan fejn Kristu bagħat lill-agħma jaħsel għajnejh biex ifiq (ara Ġw.9,7). Tant kien hemm biża' li l-Assirjani jistgħu jaqtgħulhom l-ilma u hekk f'każ ta' Assedju joqtluhom bil-għatx li biex iħaffru mina telqu jħaffru minn żewġ naħat u bdew jimxu bħal żewġ għakierex fis-sakra. Fl-aħħar kif tgħid l-iskrizzjoni li hemm f'ras il-mina, semgħu l-ħoss tal-bqaqen ta' xulxin, ħaffru lejn il-ħoss u ltaqgħu. Dnub li l-Bibbja ssemmi l-mina fl-aħħar tar-rakkont tar-renju ta' Ħeżekija u ma ssemmix jekk ix-xogħol sarx qabel jew wara l-assedju ta' Ġerusalemm minn Sanħerib, is-sultan ta' l-Assirja (ara 2. S1. 20,20). Hu xinhu tant kien bżonnjuż għall-ħajja tal-belt dan ix-xogħol u tant kienu mkabbrin bih li għamlu skrizzjoni li għadha hemm sallum wara elfejn u seba' mit sena. Min għandu l-Bibbja bil-Malti jista' jara l-pjanta ta' din il-mina u jifhem aktar l-importanza tagħha, faċċata ta' paġna

134 tat-Testment il-Ġdid fejn il-Għajn hi Nru 14, il-mina hi Nru 18 u l-menqgħa ta' Silwan Nru 13.

Wara li rajna l-importanza ta' l-egħjun fil-bidu u matul il-ħajja ta' żewġt ibliet fl-Art Imqaddsa wieħed jistagħġeb meta jaqra fl-ewwel ktieb "Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu" ta' Dun Franġisk Agius, l-aħbar xotta, xotta li taħt is-Sur ħierġa nixxiegħa ta' ilma Salmastru li jintafa' fil-foss u li għalhekk igħidulha tal-Foss. Biex iġib fix-xejn l-importanza ta' din il-Għajn tal-Foss, Dun Franġisk iżid li n-nies tar-Rabat għax-xorb wil-ħasil tinqeda mill-Għajn il-Kbira u mill-Għajn ta' Bendu li jinsabu f'nofs Wied Siekel. U nistaqsih lil Dun Franġisk Agius:- Bi Dragutt jistrawarda s-Sur minn fuq il-bejt ta' San Ġorġ kif se ġġib l-ilma mill-Għajn il-Kbira?

L-Għawdxin ta' l-imgħoddi tant fehmu l-importanza ta' din il-għajn li kif għidna għamlu mina taħt ic-Ċittadella u fuq din il-mina niżżlu spiera minn ħdejn l-Isptar ta' San Ġużman u Damjan biex fil-bżonn itellgħu l-ilma minnha. Meta tagħmel mina u ttellgħalha ħoġor fil-bokka, kif kienet id-drawwa, ikollok ħażna ġmielha anke minn nixxiegħa żgħira li għandha mnejn taqta' fis-sajf. U jekk fuq nixxiegħa tħaffer spiera ġeneralment skont ir-regola, din tagħmlilha magħżna f'qiegħha biex fiha jinġabar l-ilma li jnixxi mill-blat bejn is-Safra wil-Kaħla. B'hekk żgħira kemm hi żgħira l-kwantità ta' l-ilma li jnixxi kuljum biż-żmien ikollok ammont konsiderevoli ta' ilma għall-użu f'każ ta' bżonn.

Għalhekk jien naħseb li l-preżenza ta' din in-nixxiegħa kellha sehem mhux biss importanti imma determinanti fil-għażla ta' muntanja biex fuqha jitilgħu jgħammru n-nies l-ewwel darba u wara jibnulha s-swar.

Naturalment wieħed jistaqsi meta setgħu marru joqogħdu hemm in-nies l-ewwel darba. In-nies ta' Żmien il-Ħaġar milli jidher kienu jħobbu l-miftuħ u ma ħassewx il-bżonn li jingħalqu ġo daqsxejn ta' ħolqa fuq il-quċċata ta' muntanja miż-żgħar Għawdxija. Ħarsu lejn il-firxa ta' Ċenċ u tax-Xagħra.

Mhux hekk kienu n-nies ta' Żmien il-Bronż ta' Borġ in-Nadur (1500-725q.K.) u tal-Baħrija (900-725 q.K.) Billi Malta ma għandhiex muntanji li jispiċċaw b'qurriegħa żgħira fejn jista' jgħammar bla biża' mill-għadu, f'Borġ in-Nadur kellhom jieħdu parti minn qortin u jaqtgħulu ħajt min-naħa fejn jista' jintlaħaq mill-għadu. Dil-ħaġa narawha wkoll l-Imdina fejn għandek daqsxejn ta' qortin f'tarf ta' xagħra kbira mdawwar bis-swar u maqtugħ b'foss fin-naħa tar-Rabat mnejn l-għadu jista' jilħqu.ı.

Għawdex in-nies ta' Żmien il-Bronż nafu li għexu fuq is-Sur, fuq ta' Kuljat u fuq in-Nuffara. Kien hemm nies ukoll fuq id-Dabrani. Dun Franġisk Agius isemmi li hemm żewġ egħjun taħt ta' Kuljat. waħda minn dawn jgħid li hi tal-Ħanaq. Il-Ħanaq hu dak il-Wied dejjaq bejn il-għaqda tal-faldi tal-muntanji tal-Ħarrax u ta' Kuljat li jibqa' nieżel minn taħt ta' Mannu u jintefa' fil-Wied ta' Marsalforn fejn hemm il-pompa ta' l-ilma. Jekk inhu hekk ta' Kuljat l-ilma jnixxi minn aktar minn żewġ postijiet billi hemm mina tħares lejn ix-Xagħra u nixxiegħa oħra tħares lejn il-Wied l-Abjad. Meta jsemmi n-Nuffara, Dun Franġisk Agius isemmi li hemm żewġ nixxigħat, fil-waqt li għad-Dabrani jgħid li hemm għajn jisimha għall-muntanja stess.

Hekk nistgħu ngħidu li l-erba' qurrigħat li fuqhom għammru l-ewwel nies li ħassew il-bżonn li joqogħdu f'post li wieħed jista' jiddefendih mill-għadu, jiġifieri dawk ta' Żmien l-Bronż, barra li għandhom il-karatteristika komuni li huma żgħar meta tqabbilhom ma' ngħidu aħna n-Nadur u x-Xagħra, għandhom ukoll karatteristika oħra komuni: dik li fihom insibu biex in-nies issib x'tixrob bla tbatija.

Naturalment biex wieħed sata' jiddobba bil-Għajn tal-Foss ma kellux għalfejn iħaffer spiera minn fuq jew minn isfel mill-ewwel. Meta jkun hemm għajn kotrana, bħal ngħidu aħna l-Għajn l-Kbira din tagħmel miġra hekk kif tħalli l-blat lakemm wieħed jimla. Meta din tkun żgħira, bħal dik tal-Ħammimiet, wieħed jista' jilqa' l-ilma f'ħawt. Meta tkun nixxiegħa din għandha mnejn anqas titfaċċa mill-ewwel fil-wiċċ u turi ruħha billi mnejn tkun għaddejja jkun hemm jikbru l-qasab wil-virgi. Meta jkun hekk wieħed jista' jagħmel ħofra ta' ftit xbar fond ġol-kaħla jew ġot-tafal f'ras il-għajn jew aktar 'l isfel u ġo fiha jilqa' l-ilma li jnixxi minn taħt is-sies tas-safra bħalma hemm ħdejn id-dar tagħha fis-Sruġ, ix-Xagħra.

Jien naħseb li dan kien il-bidu tal-Għajn tal-Foss. In-nies indunat biha mħabba l-qasab li kien jikber hemm kif għadna naraw sallum. Meta ħaffru sabu li hemm biex wieħed jiddobba jekk jitilgħu joqogħdu hemm fuq billi mil-lat tad-difiża kien tajjeb ferm billi kull ma kien hemm bżonn wieħed jagħmel kien li jiddefendi t-taraġ jew rampa li titfgħek fuq. Il-bqija kienet ħasbet għalih in-natura.